MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 769/2003

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April 2003 fejn gie premess illi:

1. Fl-10 ta' Dicembru 2001 fi Triq San Gorg, Gzira, il-vettura CAQ-
532 assikurata mal-kumpanija attrici u misjuqa mill-konvenuta (l-assikurata taghha) harget minn "parking place" u baqghet diehla fuq il-lemin tal-vettura JOA-321 li kienet ghaddejja. Billi kien evidenti li l-kollizjoni kienet grat tort tal-imsemmija assikurata taghha il-kumpanija hallset d-danni kagunati fil-vettura JOA-321

2. Taht il-polza ta' sikurta li l-konvenuta ghandha mal-kumpanija
attrici hija ghanda tbati minn butha l-ewwel hamsin lira Maltin (Lm50.00) mid-danni kagonati lill-parti l-ohra.

3. Il-konvenuta kienet taf li ghandha thallas dawn il-hamsin lira
Maltin (Lm50.00) u giet interpellata biex thallas izda sal-lum ma hallsitx.

4. Ghalhekk il-kumpanija attrici talbet li dan it-Tribunal sabiex
jikkundanna lil-konvenuta thallasha l-imsemmija somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) sehem minn somma mhallsa mill-kumpanija attrici bhala assikuratrici taghha ghad-danni kagonati fil-vettura JOA-321, liema somma ta hamsin lira Maltain (Lm50.00) hija dovuta lill-kumpanija attrici skond termini tal-polza li l-konvenuta kellha mal-kumpanija attrici

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 2003 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz ta' talba kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50), bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Frar 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------